# ĠRAJJIET L-ALTARI LATERALI

## TAL-KNISJA PARROKKJALI TA' ĦAL KIRKOP

Kitba ta' TONY TERRIBILE



Il-knejjes parrokkjali tagħna huma mimlija storja u tifkiriet. Kull rokna fihom tfisser xi ħaġa. Fost dawn insemmu l-kappelli u l-altari laterali li nsibu fihom.

Dan japplika wkoll għall-knisja parrokkjali ta' Ħal Kirkop, waħda mill-Parroċċi tagħna mwaqqfa fis-seklu sittax.

L-altari laterali tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Kirkop għandhom marbuta magħhom storja kif se naraw f'din il-kitba.



*L-altar tal-Madonna tar-Rużarju*

### L-altar tal-Madonna tar-Rużarju

Dan l-altar jaf il-bidu tiegħu lill-fratellanza tar-Rużarju li twaqqfet f'din il-Parroċċa fit-3 ta' Ġunju tas-sena 1596 bl-approvazzjoni tal-Ġeneral tad-Dumnikani.

Dan l-altar hu tant qadim li erba' snin wara li twaqqfet il-fratellanza, jiġifieri fl-1600, diġà kienet waqqfet altar f'din il-knisja. Dan hu kkonfermat fil-vista pastorali tas-snin 1588-1602.

L-Isqof Alpheran de Bussan li żar din il-knisja fl-1745, qal li kull sena din il-fratellanza kienet tiċċelebra l-festa tal-Madonna tar-Rużarju fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru.

L-istess fratellanza kienet ukoll tieħu ħsieb li kull sena tagħmel in-novena tal-Milied, li fiha din, kienet dejjem titkanta litanija tal-Madonna.

### L-altar tal-Kurċifiss

Fl-imgħoddi dan l-altar kien f'idejn is-Sodalità ta' l-Agunija li kienet imwaqqfa f'din il-Parroċċa. L-iskop prinċipali ta' din is-Sodalità kien it-talb għall-membri li jkunu waslu fis-siegħa tal-mewt.

Kull sena din is-Sodalità kienet tiċċelebra l-festa tas-Salib Imqaddes nhar it-3 ta' Mejju. Barra dan, kull xahar is-Sodalità kienet tagħmel quddiesa b'suffraġju tal-membri mejtin tagħha.

Fuq dan l-altar bdiet f'din il-Parroċċa d-devozzjoni lejn Marija Addolorata meta Maruzzo Ellul, fil-21 ta' Diċembru 1721, waqqaf fondazzjoni għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa tad-Duluri fuq dan l-altar al-Kurċifiss. Din il-festa kellha tiġi ċċelebrata l-Ġimgħa ta' wara l-ewwel Ħadd tal-Passjoni.



*L-altar tal-Madonna tal-Pilar u San Ġakbu*

## L-altar tal-Madonna tal-Pilar u San Ġakbu

Skond il-vista ta' l-Isqof Alpheran de Bussan (1736-40) dan l-altar twaqqaf għall-ħabta tas-sena 1647 u kien wieħed mill-altari ewlenin li twaqqaf f'Malta f'ġieh il-Madonna tal-Pilar.

Sa mit-twaqqif tagħha, din il-Parroċċa kellha rabta kbira ma' San Ġakbu appostlu, għaliex meta fl-1592 Ħal Kirkop sar Parroċċa ma' Ħal Safi u l-Imqabba, il-knisja parrokkjali kienet iddedikata lil San Ġakbu li kienet fin-naħa tal-punent ta' Ħal Kirkop.

F'dan il-kwadru tidher l-arma ta' l-Isqof Davide Cocco Palmieri li kien isqof ta' Malta bejn is-snin 1684-1712 u għalhekk jidher li dan il-kwadru sar f'dawk iż-żminijiet. Dan il-kwadru jista' jkun li hu xogħol ta' Stefano Erardi (1630-1716).



*Inkwadru ta' Santa Marija li llum qiegħed fil-Kappella tal-Lunzjata.*

Skond il-vista ta' l-Isqof Alpheran (1745), kull sena fuq dan l-altar kienet tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Ġakbu bil-kant ta' l-Għasar u bil-quddiesa kantata. Din kienet issir b'legat imħolli minn Andrea Mangion fid-19 ta' April 1593. Fl-istess vista naqraw li benefattur kbir ta' dan l-altar kien Dun Franġisk Mangion miż-Żurrieq li kien miet fl-14 ta' Lulju 1701. Skond it-testment magħmul għand in-nutar Mark Antonio Brancati fl-20 ta' Frar ta' l-istess sena, hu ħalla parti mill-proprjetà tiegħu lil dan l-altar bid-dmir li fl-anniversarju tal-mewt tiegħu kienu jiċċelebraw quddiesa fuq dan l-altar.

## L-altar ta' Santa Marija

Minflok dan l-altar illum insibu n-niċċa ta' San Leonardo. Qabel xejn tajjeb li ngħidu li l-qima lejn Marija Assunta f'dan ir-raħal hi qadima ħafna, tant li meta fl-1575 Monsinjur Duzina żar dan ir-raħal, sab knisja f'ġieh l-Assunta li kienet magħrufa

bħala "Ta' Pinu". Fl-1658 din il-knisja ġiet magħluqa u l-kwadru ttieħed fil-knisja parrokkjali u tpoġġa fuq l-altar ta' San Kosma u San Damjan. Skond il-vista ta' l-Isqof Davide Cocco Palmieri (1685-87), id-devozzjoni f'ġieh l-Assunta tant kibret fuq dan l-altar li meta sar kwadru ġdid ta' San Kosma u San Damjan, l-Assunta ġiet imdaħħla fih. Kien hemm, barra dan, altar ieħor f'ġieh l-Assunta. Benefattriċi kbira ta' dan l-altar kienet Agatha Mangion, armla ta' Marjanu u omm Dun Nikola. B'legat imħolli fil-21 ta' Settembru 1628, din il-benefattriċi ħalliet somma flus għal dan l-altar ta' l-Assunta.

## L-altar tad-Duluri

Maruzzo Ellul daħħal id-devozzjoni lejn id-Duluri f'din il-Parroċċa, permezz ta' kwadru mqiegħed fuq l-altar tal-Kurċifiss. Din id-devozzjoni kompliet tikber fis-seklu dsatax meta fit-22 ta' Jannar 1802, poġġa fuq l-altar ta' Santa Marija kwadru tad-Duluri.



*L-altar tad-Du;luri*

Maż-żmien tant kibret din id-devozzjoni lejn id-Duluri, li l-altar ta' Santa Marija ġie ddedikat lid-Duluri.

Bla dubju, il-kwadru tad-Duluri li naraw fuq dan l-altar hu wieħed mill-isbaħ kwadri li nsibu f'din il-knisja.



*L-altar tal-Madonna tal-Grazzja*

## L-altar tal-Madonna tal-Grazzja

Dan l-altar twaqqaf b'legat imħolli minn Francesco u Grazzja Camilleri fl-1708. Għalhekk fil-kwadru ta' dan l-altar li jersaq ħafna lejn il-pittur Ġannikol Buhagiar, tidher il-Madonna tal-Grazzja b'tifkira ta' Grazzja Camilleri u San Franġisk De Paoli b'tifkira ta' Francesco Camilleri. Fl-1754, fuq dan l-altar twieldet id-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Dawl permezz ta' kwadru li tpoġġa fuq l-ewwel skanell ta' dan l-altar.

Kif rajna, dawn is-sitt altari laterali tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Kirkop għandhom marbuta magħhom storja nteressanti minsuġa ma' ġrajjiet il-Parroċċa u r-raħal ta' Ħal Kirkop.